Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-21 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 33/1973/1

Rita mart Ganni Mifsud minnu assistita u b'digriet tal-25 ta' Gunju 1998 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Carmela armla ta' George Portelli f'isimha proprju kif ukoll bhala tutrici tal-minuri Antonio u Cettina ahwa Portelli, lil Mario, Frans, Maryanne, Tarcisio, Eugenio, Raymond, Ernest, Victoria, Rose, Antida mart Jesmond Agius, Nazzareno u Joseph li jinsab l-Awstralja, lkoll ahwa Mifsud minflok John Mifsud li miet fid-19 ta' Dicembru 1991 fil-mori tal-kawza, Salvu Sultana u b'nota tat-22 ta' Lulju 1980, Rita Mifsud assumiet l-atti minfok Salvu Sultana u ta' Maria xebba Mifsud u b'digriet tas-27 ta' April 1989 il-gudizzju gie trasfuz minn fuq isem Maria gia xebba Mifsud mart George Portelli li mietet fil-mori tal-kawza ghal fuq isem George Portelli ghan-nom u fl-interess u bhala legittimu rapprezentant ta' uliedu minuri Antonia u Cettina ahwa Portelli

-vs-

Maria Rosa sive Rosa mart Carmelo Gatt minnu assistita u b'digriet tal-5 ta' Jannar 1975 Rita Gatt giet nominata kuratrici biex tidher minflok il-mejta Maria Rosa sive Rosa mart Carmelo Gatt

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni ta' l-atturi fejn ippremettew:

Illi fit-2 ta' Gunju 1952 mietet fix-Xaghra Ghawdex Carmela mart Francis Sultana (dokument A) minghajr testment u halliet b'eredi taghha skond il-ligi lil erba' uliehda Rita mart Ganni Mifsud, Salvu Sultana, Maria Rosa sive Rosa mart Carmelo Gatt u Giuseppe Sultana;

Illi fit-13 ta' Mejju 1960 miet fix-Xaghra Ghawdex Francis Sultana (Dokument B) b'zewg testmenti wiehed datat is-26 ta' Dicembru 1958 fl-Atti tan-Nutar Dottor John Busuttil (Dok C) fejn oltre diversi legati, huwa innomina bhala eredi universali tieghu lil Rita mart Ganni Mifsud, Giuseppe Sultana, Salvu Sultana, u Maria Rosa sive Rosa mart Carmelo Gatt f'porzjonijiet ugwali bejniethom bis-sostituzzjoni u bl-akkrexximent skond il-ligi u l-iehor fl-atti ta' l-istess Nutar Dr John Busuttil tas-17 ta' Dicembru 1959 (Dokument D) fjen it-testatur ordna legat favur l-imsemmija Rita mart Ganni Mifsud, Giuseppe u Salvu sultana.

U illi mill-erba' eredi fuq imsemmija miet Giuseppe Sultana "ab intestato" fid-19 ta' Mejju 1965 f'Wenthworthville, Sydney, New South Wales, Australia (Dokument E) u ghalhekk halla b'eredi tieghu skond il-ligi lil hutu kontendenti cioe' Rita mart Ganni Mifsud minnu assistita, Salvu Sultana u Maria Rosa sive Rosa mart Carmelo Gatt (Dokument F).

U illi kif jirrizulta mill-imsemmi testment fl-atti tan-Nutar Dr John Busuttil tas-26 ta' Dicembru 1958 (dokument C) lill-attrici Maria xebba Mifsud gie imholli favur taghha fir-raba artikolu ta' l-istess testment legat ta' beni immobbli.

U illi l-atturi ma jridux jibqghu jipposjedu in komun mal-konvenuta.

Talbu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

1. tigi likwidata l-komunjoni ta' l-akkwisti gia ezistenti bejn l-imsemmija Francis u Carmela konjugi Sultana, billi tigi dikjarata tikkonsisti f'dawk il-beni li jirrizultaw waqt il-kawza;

2. m'ghandhiex il-komunijiet ta' l-akkwisti hekk likwidata tigi diviza f'zewg porzjonijiet ugwali, li minnhom wahda tigi assenjata lill-assi partikolari ta' Francis Sultana u l-ohra lill-assi partikolari ta' Carmela Sultana;

3. m'ghandux jigi likwidat l-assi partikolari ta' Francis Sultana billi jigi dikjarat li jikkonsisti fin-nofs tal-komunjoni kif fuq likwidata u f'dawk il-beni li jirrizultaw waqt il-kawza;

4. m'ghandux l-assi ta' Francis Sultana hekk likwidat, wara li jkunu gew assenjati d-diversi legati ordnati biz-zewg testmenti fuq imsemmija lil-legatarji rispettivi taghhom, jigi diviz f'erba' prozjonijiet ugwali li jigu assenjati wahda kull wiehed lil Rita mart Ganni Mifsud minnu assistita, Salvu Sultana, l-eredita' ta' l-imsemmi Giuseppe Sultana u lil Maria Rosa sive Rosa mart Carmelo Gatt minnu assistita;

5. m'ghandux jgi likwidat l-assi partikolari ta' Carmela Sultana billi jigi dikjarat li jikkonsisti fin-nofs ta' l-akkwisti kif fuq likwidata u f'dawk il-beni li jirrizultaw waqt il-kawza;

6. m'ghandux l-assi ta' Carmela Sultana hekk likwidat, jigi diviz f'erba' porzjonijiet ugwali li jigu assenjati wahda kull wiehed lil Rita mart Ganni Mifsud minnu assistita, Salvu Sultana, l-eredita' ta' l-imsemmi Giuseppe Sultana u lil Maria Rosa sive Rosa mart Carmelo Gatt minnu assistita;

7. m'ghandux jigi likwidat l-assi ta' l-imsemmi Giuseppe Sultana billi jigi dikjarat li jikkonsisti fil-legati

ordnati fiz-zewg testmenti Dokumenti C u D fl-atti tan-Nutar Dr John Busuttil tas-26 ta' Dicembru 1958 u tas-17 ta' Dicembru 1959 fis-sehem ta' kwart indiviz spettanti mill-wirt ta' l-omm Carmela Sultana kif ukoll fis-sehem ta' kwart indiviz spettanti mill-wirt tal-missier Francis Sultana u f'dawk il-beni li jirrizultaw waqt il-kawza;

8. m'ghandux l-assi hekk likwidat ta' Giuseppe Sultana jigi diviz fi tliet porzjonijiet ugwali li jigu assenjati wahda kull wiehed lil Rita mart Ganni Mifsud, Salvu Sultana u Maria Rosa sive Rosa mart Carmelo Gatt minnu assistita;

9. m'ghandhomx jigu divizi, assenjati u mhalsa l-legati ordnati biz-zewg testmenti fuq imsemmija Dokumenti C u D tal-mejjet Francis Sultana;

10. m'ghandhomx jigu nominati periti ghal-likwidazzjoni u divizjonijiet imsemmija, Nutar Pubbliku biex jippublika l-att opportun ta' divizjoni u kuratur ghall-eventwali kontumaci.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hija minn issa stess ingunta has-subizzjoni u bl-ispejjez ta' l-ittra ufficjali tas-27 ta' Jannar 1973.

Rat id-dikjarazzjoni guramentat ta' l-atturi, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Maria Rosa sive Rosa mart Carmelo Gatt minnu assistita fejn eccepiet:

Illi hija ma topponix ruhha ghal-likwidazzjoni u divizjoni tal-wirt komuni previa d-determinazzjoni tal-portata ezatta tal-legati mhollija minn Francesco Sultana bit-testment tas-6 ta' Dicembru 1958, fl-atti tan-Nutar John Busuttil.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha u l-elenku tax-xhieda.

Ikkunsidrat:

1. illi l-assi in divizjoni huma s-segwenti:
a. il-fond numru 44, Triq Gorf, Xaghra, Ghawdex;
b. zewg imqawel li huma deskritti bhala parti mill-fond fuq imsemmi;
c. mandra adjacenti ghall-fond fuq imsemmi, nieqsa z-zewg mqawel fiha kostruwiti;
d. l-fond 43, Triq Gorf, Xaghra, Ghawdex;
e. mandra retroposta ghall-fond appena imsemmi;
f. ghalqa maghrufa "Ta' Gajdoru" ix-Xaghra;
g. depositi bankarji konsistenti fi tliet akkonti gia depositati mal-Government Savings Bank liema akkonti kellhom in-numru 1924, 1923 u 1028.

2. illi l-assi fuq deskritti huma provenjenti lill-kontendenti mill-wirt tal-genituri taghhom, Francesco Sultana u martu Carmela li mietu rispettivament fit-13 ta' Mejju 1960 u t-2 ta' Gunju 1952. Mal-mewt taghhom uliedhom kienu erbgha senjatament Rita mart Ganni Mifsud, Salvatore, Maria Rosa sive Rose mart Carmelo Gatt u Giuseppe Sultana.

3. Illi Giuseppe Sultana miet fid-19 ta' Mejju 1965 improle u bla testment jigifieri l-wirt tieghu ghadda fuq hutu. Jirrizulta li dan il-wirt kien jikkonsisti fis-sehem indiviz provenjenti lilu mill-wirt tal-gentiuri tieghu.

4. Illi fil-mument li gietipprezentata c-citazzjoni (f'1973) ghall-qsim ta' l-eredita' tal-genituri u l-imsemmi Giuseppe Sultana, billi l-omm Carmela Sultana kienet mietet bla testment mentri Francesco kien miet testat, izda apparti legati istitwiti, innomina lil erba' wliedu eredi universali tieghu, il-kwoti percepibbli mill-kontendenti kienu ta' terz kull wiehed u wahda. Jinghad pero' illi bl-eventi successivi li svolgew, stante l-akkwist minn Rita Mifsud tas-sehem ereditarju ta' huha Salvatore (vide kuntratt folio 44) u l-akkwist minnha tal-legat imholli lil bintha Maria allura mart George Portelli (vide kuntratt dok. BB folio 127) l-interess fid-divizjoni gie ristrett ghall-imsemmija attrici Rita Mifsud u l-konvenuta Rosa Gatt jew

aktar prciz l-aventi kawza taghhom stante l-mewt taghhom fil-mori tal-kawza. Appena hu opportun li jinghad li l-werrieta rispettivi taz-zewg kontendenti issubentraw fis-sehem rispettiv taghhom.

5. Illi kif aktar ‘il fuq accennat il-bejgh tal-kwota ereditarja minn Salvatore Sultana sehhet b’kuntratt tad-19 ta’ Gunju 1980 (folio 44) u kienet formanti “it-terz indiviz (kwart indiviz mill-wirt tal-genituri flimkien ma’ dodicesima parti mill-wirt ta’ huh Giuseppe Sultana) [komprendenti] il-kwota kollha spettanti lill-venditur [jigifieri Salvu Sultana] mill-beni kollha mobbli u immobbli rimanenti u komponenti l-wirt u successjoni

(i) tal-missier Francesco Sultana ....
(ii) ta’ l-omm Carmela Sultana....
(iii) ta’ hu l-kontraenti Giuseppe Sultana..... liema wirtiet, barra minn mobbili u zewg depositi bankarji fil-Malta Government Savings Bank, gie dikjarat kwantu ghall-immobbli li jikkonsisti:

5.1 f’bicca raba fl-imsemmija Xaghra fil-kuntrada maghrufa “Ta’ Wied il-Conti” ta’ xi tliet mija u erbgha u sebghin metru kwadru (374mk) tmiss tramuntana ma’ entrata, punent ma’ beni ta’ Ganni Abela, nofsinhar ma’ beni ta’ Salvu Borg, franka u tidher fil-pjanta Dok B u site-plan dok C;

5.2 f’bicca raba fil-limiti ta’ Zebbug, Ghawdex, fil-kuntrada “tal-Merzug” maghrufa “Ta’ San Petruwa” ta’ xi elf erba’ mija u disgha u disghin metru kwadru (1499mk) u tmiss lvant mat-triq, tramuntana ma’ beni ta’ Wigi Sultana u nofsinhar ma’ beni ta’ Giusepp Sultana soggetta ghal hamsa u tmenin centezmu (85c) cirka kwota ta’ cens annwu temporanju li fadallu biex jaghlaq cirka sitt snin ohra ... li tidher fil-pjanta dok D u fis-site plan dok E.

5.3 f’bicca raba fl-imsemmija Xaghra fil-kontrada “ta’ Gajdoru” maghrufa “ta’ Dun Anton” ta’ xi hames mija u tnejn u sittin metru kwadru (562mk) u tmiss tramuntana ma’ beni ta’ Giuseppe Cassar, mil-lvant u nofsinhar ma’ beni tal-werrieta ta’ Carmelo Said, soggetta ghal xi hames

xelini jew kwota annwa verjuri ta’ cens perpetwu fis-sena u tidher fil-pjanta dok F u site-plan dok G;

5.4 f’zewg lokijiet ta’ djar fl-imsemmija Xaghra fi triq Gorf numrui 43 u 44 bil-gardina kolha anessa maghhom li l-partijiet ma jafux kemm tkejjel kollox konfinanti minn nofsinhar ma’ sqaq li jinfed ghat-triq Gorf, lvant in parti ma’ beni ta’ Anglu Sutlana u in parti ma’ beni ta’ Karmenu Sultana, punent in parti ma’ beni ta’ Karmenu Sultana u inparti ma’ beni illum ta’ George Portelli u tramuntana in parti ma’ beni ta’ Karmenu Vella, in parti ma’ beni ta’ Pietru Tabone u in parti ma’ beni ta’ terz mhux maghruf soggetti ghal zewg xelini u erba’ soldi kull tliet snin piz ta’ Universita’ li l-quddies li kienu soggetti ghalih thallas diga’.

6. illi l-wirt tal-missier Francesco sultana, kif gia accennat, hu regolat miz-zewg testmenti li ghamel in atti Nutar John Busuttil datati rispettivament 26 ta’ Dicembru 1958 (Dok C fol 6) u 17 ta’ Dicembru 1959 (Dok D fol 9) fejn apparti li istitwixxa lil allura erba’ uliedu eredi universali f’porzjonijiet ugwali, bis-sostituzzjoni ta’ uliedu f’kaz ta’ premorjenza ghat-testatur u f’kaz li l-premort minn l-eredi ma jkunx halla tfal jew dixxindenti ohra jopera ruhu l-akkrexximent bejn l-eredi skond il-ligi, ordna s-segwenti legati:

6.1 lin-neputija tieghu Maria xebba Mifsud bint Giovanni Mifsud u Rita nee’ Sultana (bintu erronjament indikata Maria) il-komoditajiet tal-lok tad-djar numru 44, triq Gorf, xaghra, ghawdex konsistenti f’zewgt ikmamar zghar ta’ ftit xorok fuq xulxin, ta’ fuq titla’ ghaliha bis-sellum, bil-bieb ghall-bitha, kcina u kamra fuqha, anke dawn ta’ ftit xorok, bil-bieb ghall-istess bitha, faccata ta’ l-ohrajn u titla’ ghal ta’ fuq bis-sellum, dar ossija kamra terrana b’zewg hnejjiet bil-bieb u loggja ghall-istess bitha, nofs il-bitha min-naha ta’ dawn il-komoditajiet, gjardina zghira tmiss maghha mnejn ikun jista’ jinfetah bieb ghat-triq ghal dawn il-komoditajiet u madwar nofs siegh raba ossija mandra li tigi wara l-post u li fuqha hemm twieqi tal-post li ghandhom jibqghu hemm u li tmiss nofsinhar mal-psot, tramuntana ma’ beni ta’ Carmelo Vella u lvant ma’

beni ta' Carmelo Sultana u bl-ispiera fil-bitha mdwara bhal kamra bil-bieb ghan-naha ta' dan il-komoditajiet, li ghandha tibqa' komuni mal-bqija tal-post u li ghalhekk ghandu jinfetah bieb iehor mill-parti l-ohra u b'obbligu ta' hlas ta' kwart ta' quddiesa letta fis-sena ghal erba' snin kif dispost fl-Artikolu 2 tat-testment citat;

6.2 lil Rita mart Giovanni Mifsud (bintu u omm l-imsemmija Maria) il-kumplament tal-lok tad-djar numru 44, Triq Gorf, Xaghra, ghawdex 'obbligu ta' hlas ta' tliet kwarti tal-quddiesa eretta fuq dana l-lok ta' djar bit-tieni Artikolu tat-testment u bl-obbligu ukoll li l-istess legatarja thallas lill-werrieta ta' ommha (jigifieri lil hutha l-ohra) nofs l-ispejjez li ntefqu lill-benefikati li kienu saru f'dan il-fond matul iz-zewg tat-testatur ma' Carmela Sultana;

6.3 lil bintu Rosa mart Carmelo Gatt in-nofs indiviz tal-lok tad-djar li jinsab Ghawdex Triq Gorf, Xaghra, numru 43 bl-obbligu ta' hlas ta' quddies fis-sena ghal erba' snin erett bit-tieni Artikolu;

6.4 lil Giusepe u Salvatore bicca raba xaghri msejha "Ta' Gajdoru" (dik maghrufa ta' Dun Anton) kejl cirka nofs tomna f'porzjonjiet ugwali bejniethom u f'kaz li wiehed mil-legatarji imur qabel it-testatur minghajr dixxendenti s-sehem tieghu jinqasam bejn hutu l-ohra kolha;

6.5 lil Rita mart Giovanni Mifsud, Giuseppe u Salvatore s-sehem tieghu mill-mandra li tinsab annessa mal-lok tad-djar numru 44 (fuq imsemmija) tal-kejl l-istess mandra ta' cirka nofs tomna b'dan li Giuseppe u Salvatore ghandhom jiehdu kull wiehed minnhom nofs siegh minn sehem it-testatur mill-imsemmija mandra u l-kumplament tiehdu Rita mart Giovanni Mifsud.

7. illi minn dak hawn fuq inghad u mill-kuntratti esebti fl-atti tal-kawza jirrizulta li:

- b'kuntratt tal-5 ta' Awissu 1923 (esebit folio 114) Carmela mart Francesco Sultana (minnu awtorizzatta) akkwistat "la mandretta appellata ta' Gorf

posta nel Cassale Caccia Strada Gorf della capacita’ di circa cinque mondelli e mezzo confina di tramontana con beni di Giuseppe Sultana, da mezzodi con strada beni di Carmela Sultana, di ponente con beni di Bernardo sultana” soggetta ghal erba’ soldi Universita.

- B’kuntratt datat 19 ta’ Dicembru 1930 Francesco Sultana akkwista “il lugo di case con mandretta della capacita’ di circa mezzo mondello posta in Strada Gorf del Cassale Caccia a Gozo marcato col numero tredici (ossija 43 illum) confinato da mezzodi colla strada, da ponente con beni di Maria sultana, da levante con beni di Francesco Sultana, da tramontana con beni di Bernardo Sultana, soggetto in scellini uno e soldi dieci annuo canone perpetuo verso il pardon diretto cioe’ soldi undici al pardon diretto e soldi tre all Universita .... Si dichiara che il suddetto luogo di casa ha il diritto a servire della spiera esistente dietro la mandretta suddetta a parte di tramontana e che l’acqua del terrazzo di detto stabile deve cadere sul luogo di casa di Maria Sultana che e’ soggetta a ricevere l’acqua di detto luogo di casa come sopra comprato. Si dichiara inoltre che il suddetto luogo di case e quello stesso acquistato dal detto venditore Giuseppe Sultana in virtu di contratto in atti mieri il diciotto novembre dell’anno mille nove cento e venticinque (esebit folio 230).

- B’kuntratt datat 13 ta’ Marzu 1936 (esebit folio 232) Francesco Sultana akkwsita “la mandretta appellata tal-Grass posta in Strada Gorf del Casale Caccia di Gozo della capacita’ di circa un mondello confina da levante con beni di Francesco Sultana, di tramontana con beni di Carmela Galea, da ponente con beni di Maria Sultana, franca e libera da qualunqe pagamento e servitu”.

8. illi Francesco u Carmela Sultana zzewgu fit-12 ta’ Frar 1907 (folio 122) u ghaldaqstant ghandu jirrizulta li (a) il-fond 44, Triq Gorf huwa parafernali (apparti pero’ xi benefikati); il-fond 43 fl-sitess triq u l-mandra retroposta huma komunjoni ta’ l-akkwisti; hekk ukoll il-mandra adjacenti n-numru 44 u z-zewq imqawel.

9. Illi l-kwota tal-kontendenti ta' terz kull wiehed mill-infraskritti beni issubiet varjazzjoni stante l-legati imhollija.

10. Fl-ewwel relazzjoni (fol 61 et seq) jinghad illi:

a. rigward il-fond numru 43, Triq Gorf - Rosa mart Carmelo Gatt imissha n-nofs (bhala legat) u mis-sehem ta' ommha terz ta' nofs b'kollox 4/6; Rita mart Ganni Mifsud imissha terz (li fih hu aggregat is-sehem ta' Salvu Sultana);

b. rigward il-bicca raba imsejha "Ta' Gorf" akkwistata bil-kuntratt al-5 ta' Awissu 1923 li fiha zewgt imqawel u remissa tal-karrettun li fiha kien hemm kamra zghira li iggarfet: li l-kwoti rispettivi huma - kwantu ghal 29/36 lil Rita mart Ganni Mifsud (aggregata l-kwota ta' Salvu Sultana); kwantu ghal 7/36 lil Rosa mart Carmelo Gatt.

c. Rigward il-fond 44, triq Gorf li hu gie imholli b'legat kwantu l-ambjenti deskritti fil-para (d) folio 77 tal-process lil Maria mart George Portelli bint Rita Mifsud u l-kumplament lill-imsemmija Rita Mifsud bl-obbligu fuq din l-ahhar legatarja li thallas nofs l-ispejjez konsistenti l-benefikati li saru fil-kors taz-zwieg tal-genituri b'dan li thallas mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) lil Rosa Gatt.

d. Rigward ir-raba ta' Gajdoru li l-kwoti huma – Rosa Gatt imissha 1/6; Rita mifsud imissha 5/6 (aggregat is-sehem ta' Salvu Sultana).

11. illi mill-pjan ta' qasma suggerit u emergenti minn dina r-relazzjoni oggezzjonaw l-atturi li talbu n-nomina ta' periti perizjuri (ara folio 140).

12. Illi l-oggezzjonijiet ta' l-atturi ghall-ewwel relazzjoni huma elenkati f'paragrafu 6 pagna 2 tar-relazzjoni (folio 175), li minnhom, skond in-nota ta' kritika taghhom (folio 317), baqghu tlieta l-fatturi dwar liema komplew joggezzjonaw. Dawn huma:

1. il-mandra retroposta ghall-fond 43, Triq Gorf. Huma sostnew li din il-mandra (markata bl-isfar fuq il-pjanta GV(i) [folio 100]) ma tifformax parti mil-legat imholli lill-konvenuta Maria Rosa Gatt. Dwar din, l-ewwel periti kkonkludew li tappartjeni lill-fond 43 u ghaldaqstant inkluza fil-legat ta' nofs indiviz imholli lil Maria Rosa Gatt bit-testment tas-26 ta' Dicembru 1958. Il-periti addizjonali qablu. Anke din il-Qorti wara li rat attentivament kemm ir-relazzjonijiet u kemm in-noti tal-kontendenti fir-rigward tasal ghall-konkluzjoni li komprendenti l-legat imholli lil Maria Rosa Gatt cioe' tan-nofs indiviz komprendenti s-sehem ta' Francesco Sultana hemm inkluz in-nofs siegh u s-siegh tar-raba retrostanti. Huwa sintomatiku f'dan il-kuntest li jinghata piz lill-fatt li l-fond flimkien ma' l-art retroposta ghalih inxtraw matul iz-zwieg tat-testaturi, l-awturi tal-kontendenti, fis-snin tletin, allura cirka ghoxrin sena mit-testmenti ta' Francesco Sultana u kienu jintuzaw fl-intier, kollox inkluz u xejn eskluz, mill-konvenuta Maria Rosa Gatt. Din il-Qorti tinterpretaha l-intenzjoni tat-testatur fis-sens li ried ihalli l-fond u r-raba lill-istess konvenuta altrimenti kien jghid diversament kif fil-fatt ghamel meta tratta l-fond numru 44 u l-art retrostanti l-istess. Il-Qorti tara li fil-fatt t-testatur ma ghamel xejn hlief ikkonferma l-istat ta' fatt ezistenti meta ghamel it-testment u halla dak li kien fil-poter tieghu li jhalli (ossija n-nofs indiviz lill-konvenuta).

2. l-ambjenti enumerati 20, 21 u 22 fil-pjanta GV(1) li l-attrici Rita Mifsud tippretendi li huma komprizi fil-fond numru 44, Triq Gorf. Issa jirrizulta li waqt li l-fond numru 44 huwa parafernali ta' Francesco mhux hekk ukoll l-art retroposta li nxtrat matul iz-zwieg b'kuntratt tal-5 ta' Awissu 1923 (esebit folio 144) fejn hi specifikata bhala mandretta appellata "ta' Gorf" tal-kapacita' ta' cirka hames sieghan u nofs li mill-kejl li jaghmlu l-periti arkitetti nominati fil-kawza nstab li fiha kejl ta' sitt sieghan jigifieri tomna. Kif inghad l-attrici tippretendi li l-ambjenti fuq indikati konsistenti f'zewg mqawel u remissa huma integri mal-fond legata lilha u ghalhekk huma parti wahda ta' l-istess fond. Mill-atti tal-kawza irrizulta li din giet diskussa fid-dettal anke permezz ta' relazzjoni apparti redatta mill-allura Avukat illum Imhallef Frank Camilleri. Din il-Qorti

taddotta fl-intier il-konkluzjonijiet kontenuti fir-relazzjoni ta' l-Onorevoli Imhallef (ara folio 154 et seq) anke ghaliex huwa inkoncepibbli li legalment kif tista' tadotta t-tezi attrici fid-dawl tal-Artikolu 698 tal-Kodici Civili gia ladarba jirrizulta, u mhux kontestat, li l-ambjenti jiffurmaw parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti.

3. Il-pjan ta' divizjoni ta' din l-art ossija l-art retrosposta ghall-fond 44, Triq Gorf, akkwistata kif inghad bil-kuntratt tal-5 ta' Awissu 1923. Ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni dwar il-kwoti rispettivi tal-kontendenti imfissra fl-ewwel relazzjoni u riportati f'din is-sentenza paragrafu 10(b). Sostanzjalment l-oggezzjoni ta' l-attrici tikkonsisti fil-kejl assenjat lilha u l-konsegwenti faccata li taghti fuq Triq Gorf. Mill-ewwel relazzjoni jirrizulta li l-porzjon assenjat lill-konvenuta kienet tkejjel 219.2km b'faccata ta' ghoxrin pied (vide folio 74 u 75). Il-periti addizjonali rrevedew sia l-istima u l-konsegwenti tqassim taghha. A pagna 181 tal-process assenjaw lill-konvenuta, bhala parti mill-kwota taghha ta' 7/36, il-porzjon indikat bl-ittra "X" murija bil-kulur blu fuq il-pjanta dok PA(i) [folio 211], tmiss tramunana u punent mal-bqija tal-fond originali u nofsinhar ma' Triq Gorf, b'faccata ta' 15-il pied (minflok l-20 pied) u ta' kejl superfijcali ta' cirka 136mk (minflok 219.2mk) bil-valur ta' Lm1818 (minflok Lm3500). Il-Qorti qeghdha tadotta din ta' l-ahhar ghaliex tara hija l-aktar ekwa u gusta

13. illi minn dan isegwi li l-ekwiparazzjonijeit li ghandhom jithalsu relattivament l-art paragrafu 12.3 ta' din is-sentenza jibqghu dawk imfissra mill-periti addizjonali a folio 183 tal-process b'daqstant u in virtu ta' l-akkwist da parti ta' l-attrici tas-sehem ta' huha Salvatore hi tirceivi fuq l-att finali l-ammont ta' tliet mija u erbatax-il lira Maltin (Lm314).

14. Illi rigward hlasijiet ohra dovuti bejn il-kontendenti jinghad li:

1. il-konvenuta Mary Rosa Gatt ossija s-successuri fit-titolu taghha tenuti jhalsu lill-attrici Rita mart Giovanni Mifsud ossija s-successuri fit-titolu taghha,

apparti l-Lm314 fuq imsemmija, l-ammont ta’ elfejn mija u ghoxrin lira Maltin (Lm2120) in via ta’ ekwiparazzjoni dawr il-fond numru 43 Triq Gorf.
2. l-attrici Rita mart Giiovanni Mifsud ossija s-successuri fit-titolu taghha tenuti jhalsu lill-konvenuta Mary Rose Gatt ossija s-successuri fit-titolu taghha l-ammont ta’ mitejn u hasmin lira Maltin (Lm250) dovuti kif obbliga t-testment ta’ Francesco Sultana datat 26 ta’ Dicembru 1958 bil-hames Artikolu.

15. Illi ghal dak li jikkoncerna r-raba ta’ Gajdoru (ara paragrafu 5.3 ta’ din is-sentenza) hemm riferit fir-relazzjoni addizzjonali (pagna 183) li “skond id-dikjarazzjonijiet tal-legali rispettivi tal-kontendenti, intlahaq ftehim bonarju fil-mori tal-kawza bejn il-partijiet”. Il-Qorti ghal kull bonfini qeghdha tadotta l-pjan ta’ qasma addottat fl-ewwel relazzjoni u fejn Rita Mifsud thalliet ix-xelta li taghzel bejn il-porzjon “A” jew il-porzjon “B” minhabba r-raguni li hi akkwistat fil-mori tal-kawza sehem tal-wirt ta’ Salvatore.

16. Illi inghad dan kollu l-Qorti qeghdha tiskarta sija l-proposta ta’ l-attrici marbuta mal-kejl tal-faccata ta’ l-art “Ta’ Gorf” u sia dik tal-kovnenuta li tistqarr li l-art mhux komodament divizibbli u ghaldaqstant ghandha tkun licitata. Dan il-proposti li saru fl-ahhar noti ta’ osservazzjonijiet tal-kontendenti mhux qed jigu, ghall-ebda wahda minnhom, akkolti u l-art ghandha tinqasam skond kif specifikat aktar ‘il fuq f’din is-sentenza, senjatament skond il-pjan ta’ qasma tal-periti perizjuri.

17. Illi ghal dak li jirrigward d-depositi bankarji gia depositati fil-Malta Government Savings Bank u elenkati fil-paragrafu V folio 83 ta’ l-ewwel relazzjoni, l-flus hemm ezistenti flimkien ma’ l-imghax akkumulat sad-data ta’ l-izbank taghhom ghandhom jinqasmu kwantu ghal zewg terzi lill-attrici Rita Mifsud u terz lill-konvenuta Rosa Gatt, proprjament fl-istess sehem ma’ l-aventi kawza taghhom.

18. Ghaldaqstant tiddisponi mill-kawza billi tilqa’ t-talbaiet fic-citazzjoni u tordna li d-divizjoni issir kif spjegat fil-korp a’ din is-sentenza billi:

(a) l-attrici ossija s-successuri taghha akkont ta' sehemhom jiehdu:

- l-fond numru 44, triq Gorf, Xaghra, Ghawdex parti imholli lilha b'legat u parti mixtri minnha minn bitha;

- l-porzjon indikat bl-ittra "Z" u "Y" tar-raba ta' gorf kif deskritt fir-relazzjoni tal-periti addizjonali (pagna 181 tal-process fl-incizi [ii] u [iii] paragrafu 23) u tircievi in via ta' ekwiparazzjoni minghand il-konvenuta Lm314 kif jinghad f'paragrafu 28 ta' l-istess relazzjoni (folio 183);
- l-ammont ta' Lm2120 bhala ekwiparazzjoni ta' l-art retroposta ghall-fond 43, Triq Gorf, Xaghra;

- zewg terzi ta' l-ammont intier u l-imghax relattiv tad-depositi bankarji gia ezistenti f'isem l-awturi taghha mal-Government Savings Bank.

(b) il-konvenuta ossija s-successuri taghha akkont ta' sehemhom jiehdu:

- l-porzjon indikat bl-ittra "X" ta-raba' ta' Gorf, Xaghra, Ghawdex, kif deskritt fir-relazzjoni tal-periti addizjonali (pagna 181 inciz [1] paragrafu 23) flimkien ma' l-ammont ta' Lm250.

- Il-fond numru 43, Triq Gorf, Xaghra, Ghawdex bl-art retrostanti;

- Terz tad-depositi bankarji.

- L-art ta' Gajdoru tigi assenjata bejn il-kontendenti skond il-paragarfu 15 ta' din is-sentenza.

19. ghal dawk li huma spejjez ghandhom jigu sopportati bin-nofs bejn l-attrici u l-konvenuta minbarra li l-ispejjez inkorsi fin-nomina tal-periti addizjonali nkluzi dawk ta' l-avukat illum Imhallef Frank Camilleri li ghandhom ikunu a kargu esklussiva ta' l-attrici.

---------------------------------TMIEM---------------------------------